Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 31/2018

Il-Pulizija

Vs

Denise Zammit

Illum 18 ta' Gunju 2019.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Denise Zammit detentrici tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 35175M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli nhar l-4 ta' Settembru 2017 ghall-habta ta' 18:00hrs u fiz-zminijiet ta' qabel, gewwa Triq Guze` D'Amato, Paola, b'diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat:

1. Hebbet kontra Ahmed Ashraf Ahmed sabiex tingurja, ddejjaq jew taghmel hsara lill-imsemmija persuna;
2. Ikkagunat biza' li ser tuza vjolenza kontra Ahmed Ashraf Ahmed jew kontra l-proprjetà tieghu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti tal-imsemmija persuna, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1);

3. Bhala persuna u bil-hsieb li ttellef jew tnaqqas il-gieh ta' xi hadd weggghet lill-persuna Ahmed Ashraf Ahmed bi kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor;
4. Hebbet ghal Ahmed Ashraf Ahmed u kkagunat griehi ta' natura hafifa fuq l-imsemmija persuna, hekk kif iccertifika Dr. Ian Gauci (Med Reg: 2486).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-26 ta' Jannar, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 221(1), 251B(1), 252 u 339(1)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti ma sabitx lill-imsemmija imputata hatja tal-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u ghalhekk illiberatha minnhom;

In oltre din il-Qorti sabet lill-imsemmija imputata hatja tar-raba' akkuza kif dedotta mill-Prosekuzzjoni u ghalhekk ikkundannatha bi twiddiba u canfira;

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Denise Zammit, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-30 ta' Jannar 2018, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti riforma tas-sentenza billi tikkonferma l-parti fejn illiberatha mill-ewwel tliet akkuzi, izda thassar u tirrevoka l-parti fejn sabet lill-appellanta hatja tar-raba' akkuza migjuba fil-konfront taghha, u minflok tilliberaha minnha wkoll.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti Denise Zammit huma s-segwenti u cioe`:-

a) Illi bl-akbar rispett lejn l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati, hi ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi li kellha quddiemha meta sabet lill-imputata hatja tar-raba' akkuza. Fil-kawza odjerna l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati semghet jixhed lil Ashraf Serag li jigi r-ragel tal-imputata, semghet lit-tifel taghhom stess. Ahmed, permezz tal-konferenza awdjoviziva (video

conference), u semghet lilha, izda b'xorti hazina emmnet il-verzjoni moghtija minn zewgha u binha u mhux lilha meta mill-provi li rrizultaw, bir-rispett kollu l-Onorabbli Qorti kellha ragonevolment u minghajr dubju tasal ghall-konkluzjoni li x-xhieda taghha kienet dik kredibbli. Fil-kawza gie prodott certifikat mediku, it-tabib ma kienx prodott bhala xhud u lanqas il-Pulizija ma pprezentaw affidavits. Gie pprezentat ir-rapport tal-Pulizija.

b) Il-missier u t-tifel qalu illi kienet l-imputata li qabdet lit-tifel minn idu u taghtu daqqa fuq dahru u b'hekk kellu l-hmura fuq dahru. Hi ssostni bil-qawwi li zewgha ha gurament falz u thoss li ma saritx gustizzja maghha meta l-Qorti sabitha hatja tar-raba' akkuza. Denise Zammit ma gietx emmnuta meta xehdet li hi ma kkawzatx ebda griehi lit-tifel taghha ghax lanqas biss kienet missitu, izda kien missier it-tifel li kkagunalu l-griehi. Hi ssostni li t-tifel gie mgieghel minn missieru jigdeb.

c) Illi dak addebitat lill-imputata bir-rispett kollu ma giex ippruvat fil-grad li trid il-ligi stante li ma giex ippruvat minghajr dubju dettat mir-raguni. Il-partijiet taw verzjonijiet li kienu ghal kollox kuntrastanti minn ta' xulxin. Hija xehdet illi l-incident inqala' fid-dar matrimonjali meta kienet ser tohrog mill-appartament flimkien mat-tfal. Meta hija nfurmat lit-tfal li kienu ser johorgu maghha jixtru, it-tfal qalulha iva u dak il-hin ma kien hemm l-ebda problemi, izda ftit wara meta dahal missierhom id-dar, l-appellanta ssostni illi kien hu li qabad lit-tifel minn idu u li anke mbuttah biex dan ma johrogx ma' ommu, u li kien hu li mbuttah minn dahru id-direzzjoni ta' gewwa biex ma johrogx meta dan kien ser johrog. Min-naha tieghu zewgha jaghti verzjoni ghal kollox differenti. Jichad li kien hu li kkawzalu l-hmura u jichad li kien hu li qabdu minn idu u jichad li mbuttah. Anzi jghid li kienet martu li taghtu daqqa f'dahru u ghamlitlu hekk ghax kixifha mieghu.

d) Mill-provi li kellha quddiemha l-Onorabbli Qorti, u mill-mod kif xehed zewgha Ashraf Serag u anke mill-mod kif wiegeb ghad-domandi t-tifel, hargu bosta inkonsistenzi u l-appellanta umilment issostni illi hija kellha tinduna li kemm zewgha kif ukoll binha ma qalux il-verità u dan gara unikament ghax

irrabjati hafna maghha ghax trid is-separazzjoni minn ma' zewgha. Il-mod ta' kif xehed zewgha u l-atteggament tieghu fil-Qorti stess fuq il-pedana tax-xhieda meta anka beda jghajjat mal-interpretu, kien ukoll fattur li l-Onorabbli Qorti kellha bir-rispett kollu tiehu in konsiderazzjoni. L-appellanta tifhem li t-tifel qed jghaddi minn tbatija ghax ma jridx li l-genituri tieghu jisseparaw izda ma tistax taccetta li binha gideb. Hija ssostni illi thossha aggravata ghax hija fl-ebda hin ma misset lit-tifel u dan it-tifel u zewgha jafuh sew. Hija ssostni illi x-xhieda taghha kienet dik veritiera u kellha tigi emmnuta u mhux dik moghtija minn zewgha u minn binha. Hia xehdet b'mod dettaljat u konsistenti u mhux l-istess jista' jinghad ghax-xhieda moghtija minn zewgha u mit-tifel.

e) Illi hija umilment issostni illi kif l-Onorabbli Qorti illiberatha mill-ewwel tliet akkuzi, hija kellha tigi lliberata wkoll mir-raba' akkuza.

f) Rat ix-xhieda prodotta fl-atti u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat.

Illi nhar is-26 ta' Jannar, 2018 xehed **Ahmed Ashraf Ahmed Serag** quddiem ilQorti tal-magistrati pero' x-xhieda tieghu ma gietx dattilograta u ghalhekk rega' xehed quddiem din l-istess Qorti nhar it-28 ta' Marzu 2019 ( fol. 41). Jinghad ghalhekk li din il-Qorti sejra tqis biss ix-xhieda li huwa ta' quddiemha stante li m' ghandha l-ebda records ta' dak li intqal quddiem l-ewwel Qorti.

Jghid li ibnu kien qallu li waqt li kien imsiefer l-Egittu martu l-appellanti kient hadet ragel id-dar. Fl-4 ta' Settmebru, 2017 ighid li martu l-appellanti qabdet li binhom Ahmed minn spaltu u minn idu qadet tisussah u t-tifel ittenta jahrab u tatu daqqa fuq daru imbaghad harab nizel isfel lejn il-bieb u nizel warajh u marru l-ghassa jghamlu rapport. L-pulizija tal-ghassa baghtuh ighamel certifikat mediku fic-centru tas-Sahha u gabu certifikat li jinsab esebit fl-atti a fol. 13.

Mistoqsi ghaliex ghamlet hekk jghid ghaliex l-appellanti kienet qalbitilu ukien ghalhekk li sawtitu gewwa is-salott id-dar. Id-dar tgahhom tinsab f'Unit 1 Flat6, Block D, Triq Guze D'amato, Paola.

Spjega ukoll li kien hemm incidenti prcedenti fejn sawtitu. Ftakar fl-incident li sehh jum l-Ghid il-Kbir. Darba ohra jiftakar li kien hemm incident meta kien l-Egittu meta sawtitu bl-ixkupa.

In kontro esami mistoqsi jekk ratux jisussa lit-tifel ighid li iva. Kienu d-dar hu l-mara l-appellanti u t-tlett itfal taghhom. Mistoqsi jekk dakinhar l-omm kient hierga bit-tfal inkluz it-tifel il-kbir u hu ma halliex it-tifel imur jghid li mhux minnu. Dakinhar jghid li riedet tohrog qabdet it-tfal u it-tifel il-kbir Ahmed ma riedx imur maghha. Imbagahd telqet mat-tfal l-kbar u Ahmed ma marx baqa' id-dar.

Ikkonferma li fil-present ghaddej minn proceduri ghas-separazzjoni minn ma martu. Cahad li ghamel ir-rapport minhabba il-proceduri civili. Jghid li kieku ried seta rraporta l-incident ta' Awwissu ukoll. Stqar li l-omm ghandha il-kura u kustodja ta-tlett itfal. Mistoqsi ghaliex allura it-tifel ma jridx imur ma l-omm jghid li ma jafx ikun ahjar jekk it-tifel jigi mistoqsi direttament.

**Ahmed Ashraf Ahmed Sherag** (junior) xehed ukoll quddiem il-Qorti tal-Magistrati nhar is-26 ta' Jannar, 2018 pero x-xhieda tieghu ma gietx dattilografata. Jinghad ghalhekk li din il-Qorti sejra tqis biss ix-xhieda li huwa ta' quddiemha nhar it-28 ta' Marzu 2019 (fol. 44) stante li m' ghandha l-ebda records ta' dak li intqal quddiem l-ewwel Qorti.

Ikkonferma li huwa iben l-appellanti pero jghix ma missieru Rahal Gdid fil-present. Mistoqsi jekk ghandu relazzjoni ma ommu jghid li jarha nhar ta' Tnejn u nhar l-Erbgha u kull nhar ta' Sibt jew Hadd alternattivament meta jiehu lil hutu ghandha altrimenti m'ghandu relazzjoni ta' xejn. Mistoqsi ghaliex ma jkellimx lill-ommu jghid li m'ghandux grazzja maghha u ma jhossux komdu maghha. Jispjega illi hutu jghixu maghha.

Spjega li meta ommu u missieru kienu ghadu qed ighixu flimkien kien hemm incident meta sawtitu ommu l-4 ta' Settembru 2017. Jghid li jiftakar li kient qabditu

minn spallejh u pprova jahrab u sawtitu fuq aru fuq in-naha tax-xellug 'idejha. Imbaghad mar ighamel rapport. L-ghassa qalulu li kellu bzonn certifikat mediku u ghalhekk mar il-polyclinic biex jghamel rapport flimkien ma missieru. Dak in-nhar jghid li id-dar kienu hu flimkien mal-genituri tieghu u hutu Eimen u Raina.

Mistoqsi jekk din kienitx l-ewwel darba li ommu refghet idejha fuqu jghid li le kien hemm hafna drabi ohrajn meta kien ghadu zghir. Jiftakar li darba minnhom anke qabdet xkupa u bdiet issawtu biha. Muri c-certifikat esebit fl-atti a fol. 13 u moqri lilu jghid li dak hu c-certifikat li ghadda lill-pulizija rigward l-incident tal-4 ta' Settembru, 2017. Stqarr li mar il-polyclinic ta' Rahal Gdid. Mistoqsi jekk dakinhar li kien hiereg ma ommu u hutu z-zghar kien missieru li gibdu lura ghax ma riedx li johrog ma ommu jghid li le mhux minnu. Jghid li qatt ma gibdu sabeix ma johrogx ma ommu, kien dejjem hu li qalilha li ma riedx johrog maghha.

L-**imputata Denise Zammit** tixhed minn jeddha quddiem din il-Qorti nhar it-28 ta' Marzu, 2019. Spjegat illi nhar l-4 ta' Settmebru, 2017 ghall-habta tas-1.30pm l-missier hareg wahdu u hija qalet lit-tfal li kienet ser tinhasel, jsallu u wara johorgu u t-tliet ali huma qalulha ok. Imbaghad inhaselt, sallew u saru kwazi l-4.30om. L-missieru kien lahaq wasal u peress li huma qedin fi separazzjoni ma xtaqit li johorgu bhala familja u l-missier ried imur maghhom.Hija qaltlu bl-Ingliz' *you are not invited'* u ma fehmhiex u lit-tifel qallu '*x'qalet*?' dan qallu '*ma tridekx tigi*.'

Ghall-ewwel qallu 'orrajt' izda imbaghad webbes rasu u ried jmur. Kif kienu hergin, kellha blockage fil-pajpijiet u isselfet pipe minghand ohtha it-tewmija. Qabdet il-pipe u qalet li kienet ser itih lura lill-ohtha kif kienu hergin ghaliex toqghod vicin u kif kienu hergin lit-tifel qallu '*mela la ma tridnix nohrog maghkom mela t-tifel ma johrogx*.' Qaltlu '*le, t-tifel jigi maghna*' u qal '*Ahmed ejja Ahmed ejja*' u qabad it-tifel kif kien hiereg, u nbuttah u habtu mal-wallunit.'

Tghid li hija kellha z-zghar. Spjegat li ghandha erbghin targa u lahqet nizlet l-ewwel ghaxar targiet u sejra '*Ahmed Ahmed ejja…*'il-missier qallha li '*t-tifel mhux gej*.' Imbaghad rega hareg it-tifel, il-missier rega dahal. It-tifel rega hareg fuq l-ghatba tal-bieb tal-flat taghhom u rega gibed it-tifel minn idu 'l gewwa biex ma johrogx. Hija nizlet biz-zghar Rania u Eimen u marret taghti l-pipe lill-ohtha t-tewmija u

sadanitant minn barra kompliet tghajjat *Ahmed Ahmed* u hareg il-missier u qallha '*Ahmed mhux gej ..Ahmed mhux gej..Ahmed mhux gej.'*

Dak il-hin hareg Ahmed u qaltlu *'inti m'ghetlix li kont gej u li konna sesr immorru nixtru*?' Qallha li ma jridx jmur u qaltlu li dan ma kienx kliemu ghaliex kien gja qallha li kien ser johrog maghhom qabel ma kien wasal missieru. Qallha izda li *'issa ma jridx johrog.'*

Harget barra u baghtet sms lill-avukat li kellha u qaltlu li l-missier kien imbutta lit-tifel u kienet qaltilha li kellha tmur tirraporta l-ghassa. Marret l-ghassa u rraportat dak li kien sehh u cioe li l-misseir kien imbotta lit-tifel u li ma hallihx johrog maghha. Staqsewha min kellu il-kura u kustodja tieghu u dak iz-zmien kienet fdata f'idejhom it-tnejn u ghalhekk qalulha li ma setghux jghamlu xejn. Qabdet u telqet 'l hemm u kitba ma hadux.

Wara marret lura d-dar u meta kienet ghada hemm issajjar Ahmed harab 'l barra u l-missier mar warajh u marru l-ghassa u kkonfoffaw u marru jghamlu certifikat u marru l-ghassa. Tghd li sa dak il-hin ma kienitx ghadha taf li kienu qed jikkonfoffaw kontra taghha u ghalhekk harget tfittex 'l binha Ahmed. Dak il-hin cemplulha mill-ghassa u staqsewha fejn kienet u qaltilhom li kienet qed tifittex lil Ahmed u qalulha li kien ghandhom ma missieru u qallulha li kienu tawhom certifikat li kienet sawtet lit-tifel. Qaltilhom *'x'inhu?'* u qalulha li kienu ser ikelmuha dwar dan ir-rapport. Baghtu ghaliha u kien hemm PC 65 u qaltilha li ma setghetx tifhem kif l-ewwel marret hi l-ghassa u wara mar hu bi storja differenti. Qaltilha li lanqas hi ma fehmet. Qalet li hi mhux talli ma ssawatx lit-tifel izda hu jsawwat lilha .

Mistoqsija x'kellha xi tghid dwar dak li qal ir-ragel li waqt li kien imsiefer dahlet ragel id-dar tieghi li kien habib taghha biss. Mistoqsija x'kellha xi tghid dwar l-incident tal-ixkupa tghid li hija qlajja ghax mhux vera sawtet lit-tifel bl-ixkupa. Tghid li kemm binha kif ukoll il-misiser ma kienux qed jghidu l-verita u l-missier zgur ma jista jghid xejn ghaliex kien imsifer. Mistoqsija jekk qatt ghamlet rapport kontra binha tghid li ghamlet kemm fir-rigward tal-missier kif ukoll fir-rigward tat-tifel li sawwatha.

**WPC 65 Ruth Inguanez** spjegat nhar il-25 ta' April 2019 li hija stazzjonata l-ghassa tal-pulizija ta' Rahal Gdid u tghid li ma tiftakarx l-incident meta l-appellanti marret tghamel rapport l-ghassa u tirraporta li zewgha kien sawwat lit-tifel u li hi irrifjutat li tiehu r-rapport. Qalet li mhux veru li baghtitha 'l hemm. Ikkonfermat li fl-4 ta' Settembru 2017 kient xoghol second watch l-ghassa ta' Rahal Gdid mis-siegha sad-disgha u nofs ta' bil lejl. Qalet li dakinhar kien mar il-missier jghamel rapport l-ghassa prorpjament tgid li kien mar it-tifel jaghmel rapport u dan stqarr li ommu imbuttatu u haditlu xi gadgets xi ipad u hekk. Mistoqsija thares lejn l-appellanti u tara jekk tiftarx li l-appellanti marret l-ghassa taghmel rapport tikkonferma li ma marritx.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2019.

Ikkunsudrat.

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant hu bazat fuq il-kwistjoni li l-ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-provi prodotti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghallkonkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il- Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.[1]"** "**Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi[2]**" ;

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kirminali nhar it-12 ta' Mejju 1994.

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kirminali nhar l-14 ta' Frar 1989.

"**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace[3]**"; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit[4]**" u ohrajn .)

Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "**R. v. Cooper[5]**" (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed.[6]"

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Republika ta' Malta vs. Ivan Gatt[7]**", inghad illi :-

*"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli*

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kirminali nhar il-31 ta' Mejju , 1991

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kirminali nhar il-31 ta' Mejju , 1991.

[5] ([1969] 1 QB 276

[6] (Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392)

[7] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kirminali ( sede Superjuri )nhar l-1 ta' Dicembru, 1994

*ghamlet – tiddisturba l-gudizzju … , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."*

Ghalhekk din il-Qorti ma tissostitwix id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fuq apprezzament ta' fatti anki jekk ma taqbilx maghha, jekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni. Din il-Qorti pero' taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b'mod "safe and satisfactory" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Illi f'din il-kawza il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet tal-fatti kontradittorji ghal xulxin. Il-prosekuzzjoni qed issostni li l-appellanti sawtet lil binha u kkagunatlu feriti ta' natura hfief kif deskritt fic-certifkat mediku esebit fl-atti u l-versjoni tal-appellanti li tghid li kien zewgha missier it-tifel stess li kien sawwat lil binhom.

Din il-Qorti effettivament kellha l-opportunita` tisma' x-xhieda viva voce. L-appellant jenfasizza illi minhabba konflitt fil-provi huwa kellu jigi lliberat mill-ewwel imputazzjoni. Izda kif jipprovdi l-artikolu 638(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ix-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut, hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar.

U kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v. Joseph Thorne</u>**[8], "*mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux*"1

M'hemmx dubju illi mill-provi jirrizultaw certi inkonsistenzi.

L-appellanti tghid li kien missier it-tifel li sawtu meta qabdu u imbuttah.

Illi meta l-Qorti ezaminat ic-cetifikat mediku esebit fl-atti a dol. 13 jirrizulta li it-tifel kien qed isofri minn hmura fuq l-id tal-lemin in –naha ta' fuq u minn dan hu evidenti li it-tifel ingibed mill-id. Kellu ukoll hmura fuq id-dahar in-naha tax-xellug

[8] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kirminali nhar id- 9 ta' Lulju 2003

lejn l-ispalla. It-tifel jghid fix-xhieda tieghu ex admisses " *..qabditni minn spallejja hawn hekk. Kien ppruvajt nahrab u sawtitni fuq dari tax-xellug hawn hekk"*. Mistoqsi mill-Qorti kif sawtitu jghid ' b'idejja' Il-Qorti kompliet jigifieri tatek daqqa u –minuri iwiegeb 'ehe;.

Ili din ix-xhieda hija kolloborata mix-xhieda tal-missier li jghid " *qabdet lil Ahmed minn spaltu , minn idu minn hawn qadet tissussah u t-tifel pprova jahrab u taghtu daqqa fuq daru hawn"*

Ghalhekk dawr il-feriti jidher li hawn korroborazzjonni bejn il-missier u it-tifel minuri u del resto korrobroati mic-cetifikat mediku li jikkonfemra fejn kienu l-feriti subiti mit-tifel.

Minn naha l-ohra l-appellanti tichad li kient hi li sawtet lil binha pero tghid li kien il-missier u dan it-tifel jixhdu. In oltre ic-certifikat ma jikkoroborax il-versjoni ta' dak li gara kif spjegata mill-appellanti li tghid li 'il-missier ma hallihx johrog'. Imkien ma tghid li qabdu minn idu jew minn daru.

Illi jigi rilevat mhux hekk biss izda l-appellant stqarret li kient marret l-ghassa u ttentat tghamel rapport li l-missier sawwat lil binha pero' WPS 165 Ruth Inguanez ma riditx tnizzel ir-rapport u meta giet mitluba tixhed mill Qorti din WPS 165 Ruth Inguanez din cahdet li in effetti l-appellanti kient marret l-ghassa taghmel rapport. Ftakret biss fir-rapport li ghamel missier it-tifel.

Ghalhekk f'dan il-kwadru tal-provi prodotti din il-Qorti rat li il-gudizzju milhuq mill-ewwl Qorti kien wiehed 'safe u satisfactory' u ghalhekk qeda tichad l-appell tal-appellant u tikkonfermais-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti kemm fir-rigward tal–mertu kif ukoll fir-rigward tal-piena.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur